

Brussell, 30 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14608/25

FIN 1261
INST 338
PE-L 36

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Nru dok. Cion: 14412/25

Suġġett: Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 19/2025 fit-Taqsima III -
Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2025

- *Approvazzjoni*
- *Approvazzjoni ta' ittra*

1. Fit-23 ta' Ottubru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 19/2025, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju¹.

Kif jidher fid-dokument 14412/25, l-għan ta' din il-proposta huwa t-trasferiment ta' ammont ta' EUR 1 161 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn (a/i) u EUR 866 000 f'approprjazzjonijiet ta' pagament (a/p) mill-Artikolu 30 02 02 (*Approprjazzjonijiet differenzjati*) għall-Artikolu 08 05 01 (*Stabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni filmijiet ta' pajjiżi-terzi*).

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/mt>).

2. L-objettiv ta' dan it-trasferiment huwa li jkopri l-obbligi finanzjarji tal-2025 li jirriżultaw mill-Protokoll il-ġdid li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA) bejn l-UE u l-Gvern tal-Gżejjer Cook (2025-2032), kif ukoll li jkopri qabdiet addizzjonali li saru fl-2024 kif stipulat fl-SFPA u fil-Protokoll ta' Implimentazzjoni rilevanti għar-Repubblika tas-Seychelles u r-Repubblika ta' Madagascar.
3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tad-29 ta' Ottubru 2025.
4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
 - il-proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet, kif tinsab fid-dokument 14412/25; u
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNEX ta' din in-nota.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: Il-President tal-Kunsill

lil: Il-President tal-Kummissjoni

kopja: Il-President tal-Parlament Ewropew

Sinjura,

F'konformità mal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-23 ta' Settembru 2024¹, qed ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 19/2025 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2025.

(Formola ta' għeluq).

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/mt>).